QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 25 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 479/00 DM

Joseph u Mary konjugi Hili

Vs

Henry Muscat

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnhu kkagunati u subiti mill-atturi meta fit-2 ta' Frar 2000, konsegwenza ta' xogholijiet strutturali li kien qed jaghmel go fond sovrapost ghall-fond 39, Barbara Street, Hamrun, okkupat mill-atturi , waqghu xorok u torba ghal gol kamra tal-banju tal-fond tal-atturi u saret hsara konsiderevoli – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2000, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall fini ta' kompetenza, l-atturi jiddikjaraw li l-quantum tad-danni minnhom pretiz ma jeccedix is-somma ta' elf lira (Lm1000).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Henry Muscat fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana stante illi l-hsara sofferta mill-attur ma hijiex htija jew responsabilita tal-konvenut izda l-hsarat huma kawza ta' telqa' fil-kostruzzjoni 'n kwistjoni u nuqqas ta' manutenzjoni tal-bini mertu ta' dan l-avviz, b'tali mod illi l-post u aktar u aktar is-saqaf kien fi stat gia' perikoluz u dana qabel ma dahal jahdem fil-post l-eccipjenti.

2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-7 ta' Lulju 2000 fejn gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti pprezentata fil-5 ta' Dicembru 2001.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Minn din ir-relazzjoni jirrizulta illi l-perit tekniku ha in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ezaminha b'mod ezawrienti l-aspetti kollha tat-talba attrici tenut kont tal-kontestazzjoni tal-konvenut u ghalhekk taccetta u taghmel taghha l-konkuzzjonijiet teknici illi wasal ghalihom il-perit tekniku.

F'din ir-relazzjoni l-perit tekniku kien elenka il-kostatazzjonijiet tal-fatti li jinsabu elenkati minn fol 27 sa fol 31 (tal-process) u a fol 31 u 32 ikkonkluda illi ghal dak li

jirrigwarda r-responsabbilta' tax-xoghol li sar fil-fond mertu ta' din il-kawza, m'hemmx dubju li din hi tal-persuna li kienet qed taghmel ir-riparazzjonijiet u cioe tal-konvenut u li dan kien fid-dover li jarma' min taht is-saqaf biex jipprotegi lill terzi f' kaz li s-saqaf, certifikat fi stat hazin, jaqa' fuq proprjeta ta' terzi.

Ikkonkluda wkoll, rigward l-ammont dovut, li wiehed jrid jiehu in kunsiderazzjoni mhux biss ir-'replacement' tal-parts miksura imsemmija izda wkoll jiehu in kunsiderazzjoni x-xoghol tal-qlugh tal-partijiet miksura w it-twahhil tal-partijiet il-godda, tal-qlugh tal-madum tal-hajt u replacement maghmul gdid.

Wiehed jrid ukoll jinkludi kisi tas-saqaf tal-kamra tal-banju u tibjid tal-istess kamra tal-banju u l-perit ikkonkluda illi biex jsiru dawn ir-riparazzjonijiet kollha l-ispiza involuta kienet wahda ta' erba mitt lira Maltin (Lm400).

Ikkonferma wkoll din il-konkluzzjoni bil-gurament fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2002 fejn iddikjara li kien wasal ghal din il-figura ta' erba mitt lira Maltin (Lm400) mhux biss a bazi tad-dokumenti kollha pprezentati mill-attur izda a bazi wkoll tal-prezzijiet illi dak iz-zmien kienu fuq is-suq u wara illi ha in kunsiderazzjoni l-materjal u x-xoghol involut biex bathroom tkun tista' terga tinbena mill-gdid

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha ghalhekk tilqa t-talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal hsarat ikkagunati fil-fond 39, Barbara Street, Hamrun ghad-dannu tal-atturi minhabba imprudenza, imperizja u negligenza u non osservanza tar-regolamenti u qieghdha tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas din is-somma lill-atturi bl-imghaxijiet legali b'effett mill-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

..................................................

Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia

Dep / Reg Civil 44